# IL-QADDIS TAL-MEZZUTEMP

(Minn MONS. PROF. ARTURO BONNICI)

Għada l-festa ta' San Pupulju! M'iniex ser nitkellem magħkom dwar dak il-persunaġġ ewlieni ta' Għżiritna, li fis-sena 60 ta' Kristu laqa' f'daru lil San Pawl wara n-nawfraġju. L-anqas ma jien ser nitħaddet magħkom fuq San Pupulju, li missirijietna minn żmien immemorabbli bdew iqimu bħala qaddis u martri. Imma ser nitħaddet magħkom fuq il-Knisja dedikata lilu fil-Furjana u xi ħwejjeġ oħra li f'moħħi huma mgħaqqdin mal-festa ta' dak il-Qaddis.

### KNEJJES TA' QABEL

Jikteb Akille Ferris li fl-inħawi li l-lum insejħu l-Furjana fl-1585 inbniet l-ewwel knisja, dik tal-Kunċizzjoni, imsejħa Knisja ta' Sarrija, għal kavallier araġoniż Martino de Sarria li bniha. Tliet snin wara twaqqaf il-kunvent tal-kappuċċini u knisja oħra tmiss miegħu. Fl-1590, telgħet il-knisja tal-Pieta', li serviet għal xi żmien bħala viċi-parrokkjali tal-Belt Valletta.

### KNISJA-PARROĊĊA

Meta l-Granmastru Manoel de Vilhena waqqaf is-subborg tal-Furjana, li għalih huma wkoll imsemmi "Subborg Vilhena", l-isqof Gori Mancini beda jaħseb biex jibni knisja dedikata lil San Pupulju. Il-bini tagħha beda fl-1733, taħt l-Isqof Alphenran de Bussan, fuq id-disinji li antenat tiegħi, l-arkitett Ġużeppi Bonniċi pinġa meta kellu biss 26 sena. Imħabba fin-nuqqas ta' flus, il-bini dam tiela' ħafna u l-ftuħ uffiċjali u solenni tal-Knisja l-ġdida sar fis-sena 1768. Tliet snin wara beda jsir xi tibdil fil-faċċata ħalli tieħu wiċċ aktar imponenti bis-saħħa ta' żewġ kampnari, kif kien hemm fid-disinn oriġinali.

Fl-1740, dik il-knisja saret viċi-parrokkjali flok dik tal-Pieta', sakemm fl-1844 l-Isqof Franġisku Saverju Caruana ddikjaraha parroċċa. Maż-żieda fl-għadd tan-nies f'dak is-subborg, dik il-Knisja bdiet tinħass ċkejkna u għalhekk fl-1856 beda x-xogħol biex jiżdiedu ż-żewġ navati tal-ġnub.

### IT-TALBA TAL-KAMPNARI

Il-faċċata tal-lum, mibnija fl-1882 fuq id-disinji tal-arkitett Nikol Zammit, bil-portiku ruman u ż-żewġ kampnari twal, ħadet il-post tal-faċċata l-qadima. Kemm naraha sfond sabieħ u xieraq dik il-faċċata għal funzjonijiet reliġjużi ta' kull sena, fil-festa ta' Kristu Re u f'okkażjonijiet oħra li jsiru quddiemha. Dak il-portiku imġenneb mill-kampari twal nara fih simbolu ta' rfiegħ ir-ruħ lejn Alla ta' eluf u eluf ta' nies li jiltaqgħu fuq il-Fosos fl-okkażjonijiet reliġjużi jisimgħu l-kliem li jqanqlek ta' nies għorrief u qaddisa. Taħt dik l-istatwa li hemm fuq il-frontispizju, dari tal-Fidi, il-lum ta' Kristu, ta' spiss jissaħħaħ it-twemmin tal-Maltin fir-Reliġjon ta' Kristu.

### "KUNU BĦALI"

Għat-tiġdid ta' din il-Fidi tqanqalna wkoll l-istatwa artistika ta' San Pupulju bil-mitra f'rasu u l-baklu f'idu, bl-iljun ħdejh lest għalbiex jaħtfu, xogħol tal-iskultur malti Vinċenzu Dimech. Araha ħierġa dik l-istatwa fuq l-ispallejn felħana tal-Furjaniżi, b'dik iż-żegliega ritmika. Bil-ħarsa tiegħu 'l hawn u 'l hemm tisthajjel lil dak il-Qaddis qed: jgħid "Mhux billi tgħidu li tħobbuni u tiftaħru bija bħala l-ewwel qaddis malti: kunu bħali nsara tajba, lesti biex tbatu għall-Fidi ta' Kristu".

Barra l-istatwa sabiħa ta' San Pupulju, il-Knisja parrokkjali tal-Furjana tgħożż opri oħra artistiċi. Sabiħ hu l-kwadru titulari fil-kor — il-Martirju tal-Qaddis — mibdi mill-pittur famuż Anton Favray u mitmum mill-aliev malti tiegħu Filippu Vinċenzu Pace. Xogħlijiet artistiċi oħra huma: il-Qalb ta' Ġesù ta' Franġisku Zahra, il-Madona tal-Karmnu ta' Ġużeppi Calleja taħt it-treġija ta' Hyzler u l-Kroċifissjoni ta' Oscar Testa, li saret wara l-aħħar gwerra minflok dik ta' Calì li tqattgħet bil-gwerra.

Il-festa ta' San Pupulju dejjem niftakarha ssir fit-tieni Ħadd wara Għid il-Kbir. Żagħżugħ, kull sena kont immur xi ftit ingawdi mal-Furjaniżi, u, qassis, ġieli it-tawwalt fil-Knisja lejlet jew nhar il-festa.

### TIBDIL TAT-TEMP

Dak il-Ħadd x'aktarx ikun bnazzi u, għalkemm fih ta' spiss jonfoħ xi riħ qawwi, b'danakollu dak in-nhar innies ta' dari kien jaqilbu mix-xitwa għas-sajf. Dak in-nhar l-irġiel kienu jibdlu l-libsa tqila tax-xitwa ma' oħra eħfef ta' mezzutemp, kif insejħulha. F'żogħżiti, kien moda ħafna l-qalziet tal-flanella ratba, lewn il-krema, bit-tixmira, ippareġġat ma' żarbun tal-ġilda kannella, u ġlekk ħafif tal-alpaka safranija għaż-żgħażagħ, tal-alpaka sewda għall-irġiel. Dak in-nhar ukoll, kienu jiżżanżnu l-kpiepel tat-tiben bil-faxxa sewda, bil-faldi daqqa kbar u daqqa żgħar, daqqa tondi u daqqa maqtugħin zig-zag, kif iġibuhom il-lum xi kummidjanti bħal Chevalier u Taranto.

Niftakar, meta dawk il-kpiepel kienu jisfaru xi ftit, jekk ikunu għadhom tajba, konna nagħtuhom ftit kubrit u kienu jitnaddfu u jiġu qishom ġodda. L-għenuq, f'dawk iż-żminijiet kienu għoljin, jew tal-kawxu doppji, jew tal-lamtu miftuħin f'żewġ ġwienaħ quddiem, u magħhom ingravata jew ċoff. L-iżjed eleganti kienu l-bsaten tal-ebbanu bil-pum tal-fidda. Min kien iġibhom kont tisthajjlu jgħidlek: "Arani u la tmissnix". Iż-żgħażagħ għamlu ħabta iġibu l-bastonċin tal-kannadindja tit-għawweġ, bħal dak li naraw iġibu r-rikkieba taż-żwiemel: naturalment, iżjed għall-eleganza milli għalbiex jistrieħu fuqu.

### ADDIO KPIEPEL!

Għadda dak iż-żmien! Spiċċa l-kappell tat-tiben, anzi spiċċaw il-kpiepel u l-brieret. Il-lum kulħadd xuxa, saħansitra ħafna qassisin u patrijiet qegħdin joħorġu rashom mikxufa. Jien, ngħid għalija, ma tantx nabbuża noħroġ xuxa, għaliex fix-xitwa żgur li niddobba riħ fil-qargħa, u fis-sajf ix-xemx żgur li teħodni. Fejn hu dak il-kappell tal-qassisin, bil-faldi kbar, bis-sarsi mal-ġnub, miksi kollu bil-pil ileqq, qabel pil twil, dan l-aħħar pil qasir (pelo raso)?

Il-lum, kemm kemm insibu nixtru kpiepel lixxi bla pil, għax il-kappelleriji tagħna qatgħu qalbhom u ftit qegħdin iġibuhom biex jibqgħulhom ma' wiċċhom. Addio għenuq illamtati u ġlekkijiet! Malli jibda dieħel is-sajf, ma tarax ħlief qomos ħfief, nofs komma, u "shorts" mill-iqsar: għax il-lum kulħadd irid ikun ħafif u xxamplat; ħalli mbagħad ikollu xagħar twil daqs ta' Sansun nieżel ma' għonqu u daqna folta, u anki baffi, iniggżu ma' ħaddejh. Ġosti taż-żminijiet!

### X'SAR MINNHA L-MISTĦIJA?

S'issa tħaddiżna fuq l-irġiel. Ngħaddu biex ngħidu xi ħaġa dwar xi drawwiet tan-nisa, li tbiddlu għal kollox il-lum. Bħall-irġiel, nhar San Pupulju, in-nisa kienu jibdlu għas-sajf b'ilbies aktar ħafif u jgħajjat iżjed fil-lewn. Kienu jikxfu ftit dirgħajhom, mhux iżjed minn pulzier jew tnejn fuq il-min-

(Jissokta fil-paġna 8)

# IL-QADDIS TAL-MEZZUTEMP

(Jkompli minn paġna 4)
keb. Id-dbielet kienu jkunu twal fit-xitwa u twal jibqgħu wkoll fis-sajf. U meta mara kienet toqgħod bil-qiegħda — dak in-nhar tal-festa, fuq xi fossa — avolja d-dublett kien twil sa taħt l-irkoppa, kienet tibdu 'l isfel li titgħatta bih sewwa.

L-istess bħal-lum! Il-lum, ma l-ewwel ġurnata xemx, ukoll jekk f'Jannar, jibda t-tqaċċit u dan l-aħħar kellna record ta' dbielet qsar, il-famużi "mini-skirts", saħansitra fl-aqwa tax-xitwa. Ġbajna u ddejjaqna naraw, mingħajr ma rridu, qagħdiet immodesti tan-nisa tagħna. Fejnha l-modestja nisranija tant għal qalb il-mara maltija ta' dari?

Ħa ngħidilkom din. Ftit ilu kont f'karrozza tal-linja u quddiemi ġew poġġew mara ta' nofs eta' u tfajla ta' xi għaxar snin. Malli qagħdet bilqiegħda, it-tifla ħarset lejn dublett ommha, rat li kien ftit 'il fuq mill-irkoppa u bis-sens ta' modestja naturali, ġibditulha 'l isfel. X'ikkonkludejt? Ikkonkludejt li fil-bniedem, speċjalment fil-mara, jinbet u jikber is-sens tal-modestja, li jista' jitkattar bi trobbija nisranija; iżda ma' ċerta eta', imħabba n-nuqqas ta' eżerċizzju ta' dik il-virtu', l-ambjent imħassar, il-moda sfaċċata u l-indifferenza reliġjuża ta' ħafna, dan is-sens jgħib għal kollox u ma jinħassx iżjed.

## MA LĦAQTHIEX B'IDEJJA

Biex ma taħsbux li qed nagħmlilkom xi priedka, isimgħu din iċ-ċajta, li qrajt dan l-aħħar. Waħda sinjura b'tifla ċkejkna magħha daħlet f'super-market. B'id waħda bdiet tiġbed ħaġa minn hawn u ħaġa minn hemm u tpoġġihom fit-"trolley" li kienet qiegħda tmexxi bl-id l-oħra. Ħafna minnkom dan ix-xogħol għamluh huma wkoll. Il-povra tfajla, li ma setgħetx iżżomm id ommha, għax kif għidna, kienu ingumbrati, ħin minnhom intilfet fil-folla.

In-nies ħaduha għand il-manager u dan staqsieha: "Għaliex ma żammejtx id il-mummy?" "Għaliex fiż-żewġ idejn kellha xi ħaġa", wieġbet it-tfajla. "Għaliex ma żammejtx mal-libsa?", reġa' staqsieha il-manager. "Għaliex il-libsa kienet tant qasira li ma stajtx nilħaqha b'idejja." Din hija ċajta: ma jintilfux trabi mħabba d-dbielet qosra; iżda kemm erwieħ jistgħu jintilfu mħabba l-ilbies immodest. Dan qed ngħidulkom bis-sinċerita' kollha. U ftakru li m'inix xi qassis skrupluż.

## RESQIN LEJN IX-XADINI

Nisthajjel xi mara tgħidli: "Is-soltu tagħtina iżjed pjaċir bl-artikoli tiegħek; il-lum ġejt b'ħafna skrupli! Ma tafx li aħna, speċjalment in-nisa, jeħtiġilna nimxu maż-żmien, mal-moda u ma' l-użanzi tal-pajjiżi ċivilizzati tal-Kontinent?" Ippermettuli inwieġeb u nagħlaq. Dari konna nagħmlu kuntrast bejn ħajja ċivilizzata u ħajja selvaġġa. Konna nħossu stmerrija għall-ilbies, għall-mossi u għad-drawwiet tas-slavaġ.

Il-lum, iċ-ċivilta' saret tikkonsisti f'kemm għandna ħila nixbħu lis-slavaġ fl-ilbies, fiż-żfin u fl-imġieba wkoll. Ħallina nsiru nixbħu f'kollox lis-slavaġ, imbagħad, ma' l-ewwel pass lura, insiru nixbħu lix-xadini u jkollna t-teorija kontro-evoluzzjonista!